MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1260/2002/1

**Visual & Sound Communications Limited**

**Vs**

**Carol Vella Petroni f'ismu proprju kif ukoll ezercitanti l-kummerc taht l-isem Videorama**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm252.80c (mitejn u tnejn u hamsin lira Maltin u tmenin centezmu) rapprezentanti bilanc dovut fuq il-prezz ta' diversi oggetti mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici lill-konvenuta.

Ra r-Risposta li fiha l-konvenuta tghid li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex kien ir-ragel taghha Christopher Vella Petroni li kien jiggestixxi l-imsemmi hanut.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra s-seduta tas-6 ta’ Novembru, 2003 li fiha xehdet Grace Borg prodotta mis-socjeta’ attrici fejn tghid li Carol Vella Petroni kellha *account* ma’ l-istess socjeta’ attrici u li kienet tixtri regolari.  Tikkonferma li Christopher Vella Petroni kien cemplilha u qallha li se jirranga fuq il-*pending invoices* li kellhom mas-socjeta’ attrici izda qatt ma regghet semghat minghandu.

Ra li l-konvenuta ma resqet ebda prova.

Ghalhekk billi t-talba attrici tinsab pruvata, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta’ Lm252.80c (mitejn u tnejn u hamsin lira Maltin u tmenin centezmu) u l-ispejjez u mghax legali mid-data tal-20 ta’ Marzu, 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------